Avviz Numru CCT 255/13/GB

**Bernardette Mifsud**

**vs**

**F.G.L. Entertainment Ltd.**

Illum 18 ta' Dicembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn hamsa u ghoxrin Ewro (€225.00), rappreżentanti l-prezz li hallset ghal 'tablet' li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'tablet' kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija xtrat 'tablet' minghand is-socjeta' ntimata fil-25 ta' Mejju 2013, u sitt ijiem wara, it-tifel mar jixghalu filghodu u sabu bil-hgiega maqsuma minn ġewwa u minn barra ma jinhassx. Ir-rikorrenti marret lura ghand is-socjeta' ntimata fejn informatha illi ma kenitx habbtitu u lanqas waqqatu. Is-socjeta' ntimata nformat lir-rikorrenti illi kienet ser tiswija iktar biex tirranġah milli tixtri wiehed ġdid.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fuq bażi preliminari, it-talba tar-rikorrent ghandha tiġi michuda u dana peress illi l-konsumatur ma tistax titlob r-rimedji minnha pretizi u dana stante li hija naqset li tottempera ruhha mal-Artikolu 79(1) u (2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta bin-nuqqas ta' konformita' allegata u dana peress illi r-rikorrent ma avzatx bil-miktub (ossija permezz ta' att ġudizzjarju u/jew ittra reġistrata) lill-intimati fi żmien xahrejn mid-data meta hija ntebhet bl-allegat difett.

Illi fil-mertu u minghajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. It-tablet in kwistjoni gie kkonsenjat lir-rikorrent f'kundizzjoni perfetta. Kif gie spjegat gja lir-rikorrent, mhux minnu li t-tablet kellu xi nuqqasijiet, ghaldaqstant, it-talba biex dan it-tablet jinbidel ma kienitx inkluża fil-garanzija billi ma kien hemm l-ebda quality issue.

Illi tablet ma jinkisirx hekk wahdu. Il-hsara hija tipika ta' hsara li tigri lil prodott bhall-prodott in kwistjoni (jiġifieri prodotti bi screen digitalised u liquid-crystal display (LCD)) meta dawn jitwaqghu jew jintlaqtu. Huwa evidenti illi l-hsara lill-prodott ġiet ikkawżata mill-konsumatur jew mit-tifel taghha, probabbilment wara li t-tablet twaqqa' jew intlaqat.

Illi ulterjorament il-verzjoni tar-rikorrent mhijiex wahda kredibbli peress illi ma huwiex verosimili illi wiehed jallega difett ta' dan it-tip.

Illi l-intimat ma ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-procedura u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta fl-ammont ta' mitejn hamsa u ghoxrin Ewro (€225.00), li giet immarkata bhala Dok.BM1.

Ir-rikorrenti ezebiet it-'tablet' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata u dana tenut kont l-Artikolu 79(1) u (2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, in vista tal-fatt illi r-rikorrenti konsumatur fl-ebda stadju fit-terminu, hekk stipulat mill-Ligi, u cioe' it-terminu ta' xahrejn minn meta hija ntebhet bid-difett fil-prodott, ma avzat lis-socjeta' ntimata bil-miktub fuq dan l-imsemmi difett. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**